# 25 SENA MIT-TWAQQIF TAL-BANDA MARIJA REĠINA

*Jikteb in-Nutar Dr. Sandro Schembri Adami LL.D., Ph.D.*
*President Onorarju, Banda Marija Regina*

Din is-sena għalaqna ħamsa u għoxrin sena minn meta twaqqfet il-Banda Marija Reġina fil-Marsa. Preċiżament kien f'Awissu tal-1977 waqt il-marċ tal-Ħadd fil-għodu, meta Mro. Michael Angelo Chircop kien avviċina lill-Kappillan ta' dak iż-żmien Patri Valent Calleja bil-ħsieb li titwaqqaf banda fil-Parroċċa ta' Marija Reġina.

Irridu ngħidu hawnhekk li kien diġa' hemm għall-Parroċċa tat-Trinita' Qaddisa, il-banda ġa stabbilita' u rinomata, il-Banda Trinita' Qaddisa tal-Marsa. Fil-verita' kien diġa' sar ukoll tentattiv qabel u li kien falla biex il-Parroċċa ta' Marija Reġina jkollha xi forma ta' banda. Fil-fatt, immedjatament wara li l-Knisja ta' Marija Reġina kienet saret parroċċa fil-Marsa, l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa Patri Kalċidon Baldacchino kien avviċina lis-Sinjuri John Mallia, John Dingli u l-maġġur Spiteri biex jitwaqqaf kumitat bl-iskop li titwaqqaf banda għall-Parroċċa l-ġdida. Minkejja xi xogħol li kien sar, din qatt ma ġiet realizzata.

U allura, kif qegħdin ngħidu kien propju f'Awissu 1977, li twaqqfet din il-banda bħala Soċjeta' Filarmonika li f'dawn iż-żminijiet kellha bżonn ħafna ħsieb, xogħol u għajnuna. Mro. Michael Angelo Chircop u Patri Valent Calleja avviċinaw lil tlieta min-nies, partikolarment lis-Sinjuri Salvu Frendo, Salvu Turner u Ġanni Muscat. F'dan il-kuntest ta' min wieħed isellem lil Ġanni Muscat illi miet propju ftit ġimgħat ilu u li tajnieh tislima bil-quddiesa konċelebrata bl-istess Banda Marija Reġina. Dawn it-tliet Sinjuri iltaqgħu fit-13 ta' Settembru 1977, għamlu l-ewwel laqgħa, iżda l-problema kienet li ma kienx instab lokal fejn jiltaqgħu u allura l-laqgħa kellha ssir fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' Marija Reġina. Ta' min jgħid li jidher li s-sagristiji kienu mhux biss il-post fejn ġieli jsiru ż-żwiġijiet ta' dawk li jkunu nterdetti mill-Knisja iżda wkoll il-post fejn anki jistgħu jiġu ffurmati Soċjetajiet Filarmoniċi bħal din li qed insemmu.

Li ġara kien, li ġie fformulat l-istatut tas-Soċjeta' nhar it-23 ta' Ottubru 1977. Saret l-ewwel laqgħa ġenerali u b'hekk twaqqfet uffiċċjalment is-Soċjeta' Filarmonika Banda Marija Reġina. Pero' sar ħafna taħbit biex is-Soċjeta' tingħata permess biex tieħu sehem bħala banda fil-festa ta' Marija Reġina fil-Marsa. U l-permess lis-soċjeta' ingħata tista' tgħid għeluq is-sentejn, jiġifieri f'Ottubru 1979. U allura hawnhekk kien xieraq li l-fundatur Mro. Michael Angelo Chircop inħatar l-ewwel Surmast tal-banda, waqt li fl-istess sena is-Sur Saviour Frendo pprovda lokal suffiċjenti li sar każin li nistgħu naraw illum fi Triq Nerik Sacco fil-Marsa.

Ta' min jgħid li Saviour Frendo kellu t-tifel tiegħu li għal numru ta' snin serva bħala Segretarju u membru attiv fil-Kumitat tal-Banda. B'hekk il-Banda Marija Reġina kienet uffiċċjalment imwaqqfa u ħarġet iddoqq fil-festa ta' Marija Reġina fl-1980, taħt it-tmexxija tas-Surmast Mro. M.A. Chircop li kien ukoll il-President Fundatur. U b'hekk minn dik il-ġurnata l-Banda baqgħet timxi 'l quddiem u llum iddoqq fil-Marsa u anke barra l-lokal.

Fl-1983 is-Sur Joseph Grech inħatar President waqt li Mro. Chircop xorta baqa' Surmast Direttur tal-Banda. U kien propju

*ikompli f'paġna65*

*ikompli minn paġna 63*

hemmhekk li bdiet il-banda biex toħroġ u żżid l-isem tagħha barra l-parroċċa. Kien fit-2 ta' Ġunju 1985 li l-Banda daqqet għall-ewwel darba fil-festa tas-SSma. Trinita' u dan hu pass ta' min jinkoraġġih u jfaħħru, għax huwa tajjeb li ż-żewġ baned fil-Marsa jirrikonoxxu li huwa bażi ta' għaqda u kooperazzjoni li l-Marsa hi tal-Marsin kollha. Fil-fatt baqgħet iddoqq sena wara f'din il-festa. Fl-istess sena l-Banda marret iddoqq fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta, fejn il-Banda baqgħet iddoqq hemm għal numru ta' snin, jekk m'inix sejjer żball xi sebgħa snin sħaħ. Imbagħad daqqet ukoll fil-festa tas-Samra tal-Ħamrun.

Fis-26 ta' Awissu 1985 is-Soċjeta' Filarmonika Marija Reġina tellgħet għall-ewwel darba Serata Mużiko-Letterarja fil-Knisja ta' Marija Reġina taħt il-Patroċinju tal-Provinċjal Patri Manwel Barbara. Din is-serata kienet il-preludju biex din is-Soċjeta' tkompli ttella' aktar serati bħal dawn ta' din l-għamla. Fil-fatt naraw li mal-medda taż-żmien ittellgħet serata mużiko-letterarja ukoll taħt il-patroċinju tal-Ex-President tar-Repubbblika s-Sinjorina Agatha Barbara fl-1986. Hawnhekk kien indaqq għall-ewwel darba l-innu f'ġieh Marija Reġina bil-mużika tas-Surmast Michael Angelo Chircop u versi ta' Dun Frans Camilleri. Saret ukoll serata Mużiko-Letterarja f'ġieh Patri Felicjan Bilocca f'għeluq l-għaxar snin mill-mewt tiegħu, fejn daqqew il-Banda Marija Reġina u dik tas-SSma. Trinita' fl-1997, li saret fi ġnien tal-Marsa, taħt id-direzzjoni tas-Surmastrijiet J.N.Sammut u J. Mizzi.

Naħseb li din l-ideja li ż-żewġ baned idoqqu flimkien m'hijiex ħaġa ħażina, imma hi ħaġa ta' min jinnotaha u jinkoraġieha u fil-fatt għall-għeluq il-25 sena tal-parroċċa Marija Reġina fl-1992, hemmhekk ukoll iż-żewġ baned daqqew flimkien. Tajjeb li ninnutaw ukoll illi l-fatt li ż-żewġ parroċċi fil-Marsa, kemm dik ta' Marija Reġina u dik tas-SSma. Trinita', huma f'idejn il-patrijiet Kapuċċini, hija forsi vantaġġ u anke l-fatt li l-Kappillan ta' Marija Reġina hu nnifsu serva wkoll bħala Kappillan tal-Parroċċa tat-Trinita' Qaddisa. U għalhekk dan jista' b'xi mod jikkumplimenta liż-żewġ parroċċi b'mod li jnissel iktar ir-rieda għall-aktar għaqda fil-Marsa, speċjalment bejn iż-żewġ baned.

Minn dan qed naraw illi għalkemm il-Banda Marija Reġina hija banda żgħira fl-eta', illum m'għandhiex aktar fl-infanzja imma hija waħda mill-Baned illi mexjin 'il quddiem. Ta' min jgħid ukoll illi nkitbu diversi marċi u innijiet, fosthom l-Innu lill-Banda Marija Reġina li ħa jinkiteb ġdid din is-sena mis-Surmast tagħna Mro. Mario Testa, f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Banda tagħna u dan propju jingħaqad ma' diversi innijiet sbieħ bħal l-Innu Marċ tal-Banda b'mużika tas-Surmast Michael Angelo Chircop.

Illum il-Banda Marija Reġina tinsab taħt il-Presidenza tal-Viċi-Sindku tal-Marsa, is-Sur Christopher Spiteri, wara li l-Kumitat b'deċiżjoni unanima ddeċieda li għandu jħalli mill-kariga lis-Sur Joseph Grech li serva għal numru ta' snin b'dedikazzjoni kbira bħala President. Nieħu din l-okkażjoni biex nawgura lill-Banda Marija Reġina aktar suċċessi u aktar ħidma b'risq il-Marsa f'għaqda mhux l-anqas ma' baned oħra, u tkompli tferraħna bil-marċi tagħha.